MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1227/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Jeffrey Savage u l-istess Jeffrey Savage**

**vs**

**Imelda Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ippreZentat mill-atturi fit-13 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija erbgha u sittin lira sebgha u tletin centezmu (Lm564.37), u dana in kwantu ghall erba mija u sebghin lira maltija u seba u tletin centezmu (Lm470.37) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe u erba' u disghin lira Maltija (Lm94) lil Jeffrey Savage, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenuta u minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fin-Naxxar, fl-4 ta' Jannar 2002,**

**meta waqt li l-konvenuta kienet qed tregga' lura l-vettura nru KAF 636 habtet mal-vettura nru BBJ 746, proprjeta' ta' l-attur Jeffrey Savage u misjuqa minnu - ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' April, 2002, dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mill-15 ta' April 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fit-13 ta' Gunju 2002 fejn eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort u htija tal-esponenti, izda gara unikament tort tas-sewwieq Jeffrey Savage u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt il-kawza.**

**Salve eccezzjonijet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mula, PS 1131 Justin Camilleri, Jeffrey Savage, Imelda Debono, u Paul Debono. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet bejn il-vetturi BBJ-746 misjuqa mill-attur u l-vettura KAF-636 misjuqa mill-konvenuta. L-incident gara fl-4 ta' Jannar, 2002, hdejn Birguma Road, San Pawl tat-Targa.**

**2. L-attur kien qed jirriversja biex johrog minn go "drive in" privata li taghti ghall Triq Birguma, u skond ma jghid hu kien gja hareg kollu fit-triq, meta l-konvenuta li wkoll kienet qed tregga lura laqtitu fuq il-mudguard ta' wara u l-bibien. L-attur jghid li qabel ma**

**regga' lura ma ha ebda prekawzjoni, bhal paqpaq horn.**

**3. Il-konvenuta li kienet ukoll qed tregga lura fi "drive in" privata kellha lill-zewgha jistenna fejn il-grada, pero` dan ma ghamlilha ebda sinjal biex tieqaf. Il-konvenuta tghid li lill-attur ma setghetx tarah gej, minhabba il-hitan li hemm. Il-konvenuta tikkonferma li meta sehhet il-kollizzjoni parti mill-vettura taghha kienet ghada fid-"drive in".**

**4. It-Tribunal qed iqies illi tenut kont tal-lokal kien jinkombi fuq iz-zewg sewwieqa li juzaw il-massima prudenza, mhux tant ghax kienu qed iregghu lura, izda minhabba l-fatt li ma setghux jaraw jekk kienx gej xi haga minn drive in jew ohra. Tassew li l-attur seta' dawwar gewwa, pero` biex jaghmel hekk kellu jidhol fi proprjeta` ta' haddiehor. Ghalhekk minn dan l-aspett ma jistax jinghata tort lill-attur talli ma dahalx idawwar. Id-danni riportati fil-vetturi jindikaw li tassew l-attur kien ghadu kemm qed jizbokka mid-"drive in" meta gie milqut mill-konvenuta, u dana gie milqut proprju l-ghala l-konvenuta baqghet tregga lura, aktar u aktar meta din kellha min suppost kien qed jaralha, anke jekk minn posizzjoni zbaljata. Fic-cirkostanzi it-Tribunal qed isib liz-zewg sewwieqa responsabbli ghall-incident li sehh, pero` qed isib lill-konvenuta responsabbli fi grad ta' zewg terzi u lill-attur responsabbli fi grad ta' terz.**

**5. Bhala danni jirrizulta li dawn kienu f'total ta' hames mija erbgha u sittin lira sebgha u tletin centezmu (Lm564.37), li ghalihom il-konvenuta hi responsabbli li thallas zewg terzi minnhom, ossija tlett mija u sitta u sebghin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm376.24), u konsegwentement il-konvenuta qed tigi kundannata thallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited noe s-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm313.58) u lill-attur Jeffrey Savage s-somma ta' tnejn u sittin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm62.66), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sad-data ta' l-effettiv pagament, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenuta fil-konfront ta' l-atturi.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenuta u terz mill-attur.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**